MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 237/2007

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-30 ta' Mejju, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet bir-rispett u bil-ġurament iddikjarat illi taf is-segwenti fatti personalment:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-13 ta' Awissu, 1996, u minn dan iż-żwieġ twieled il-minuri Z li għandu seba' snin;

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali (Dok. RC1) fl-atti tan-Nutar Tonio Cauchi tad-9 ta' April, 2003;

3. Illi fl-ewwel lok l-intimat ilu ’il fuq minn sena u nofs ma jieħu l-minuri fil-kustodja tiegħu matul il-*weekends*, kif stipulat fl-Artiklu 2.f ta’ l-imsemmi kuntratt, bil-kosegwenza li l-manteniment maħsub kontrattwalment qiegħed ikollu jiġġebbed għal perjodi li jmorru *oltre* dak pattwit bil-konsegwenza li l-manteniment ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) fix-xahar m’huwiex qiegħed iservi għall-bżonnijiet tal-minuri, li huma bosta – kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dina l-kawża;

4. Illi *inoltre*, ir-rikorrenti qegħda ssibha diffiċli ferm sabiex tiġbor sehem l-intimat ta’ l-ispejjeż ta’ edukazzjoni bħal uniformijiet, kotba, *tuition fees*, skola sajf, *etcetera*, u dan minkejja li hija tippreżenta l-irċevuti relattivi kollha. L-intimat ħadha drawwa li jġib skuża wara l-oħra sabiex jevita kemm jista’ jkun li jirrimborsa lir-rikorrent kif huwa marbut li jagħmel *ai termini* ta’ l-Artiklu 3iii;

5. Illi r-rikorrenti bħala *single parent*, m’għandhiex għażla għajr li toħroġ taħdem *full-time*, u dan sabiex hija tkun tista’ tlaħħaq ma’ l-ispejjeż tal-ħajja. Dan ifisser illi r-rikorrenti jkollha tħallas għaċ-*child care facilities* għall-minuri ta’ kuljum, sew wara l-iskola kif ukoll fil-vaganzi tas-sajf, ta’ l-Għid u tal-Milied. L-inġustizzja teżisti fil-fatt li l-intimat jirrifjuta li jagħti l-kontribut tiegħu għal din l-ispiża neċessarja;

6. Illi kif jidher mil-lista hawn annessa u mmarkata Dok. RC2 l-ispejjeż li tirrikorri r-rikorrenti għat-trobbija ta’ iben il-partijiet jammontaw għal total ta’ mill-inqas tlett elef, ħames mija u sebgħa u sittin Lira Maltin (Lm3,567) fis-sena. Naturalment, il-mitt Lira Maltin (Lm100) fix-xahar li qiegħed jissomministra l-intimat ma jservux sabiex ikopri sehmu għat-trobbija ta’ ibnu;

7. **Illi m’huwiex ġust li l-intimat ifarfar ir-responsabbiltajiet tiegħu fuq ir-rikorrenti u jħalliha tikkombatti waħedha sabiex tipprova tagħmel tajjeb għall-bżonnijiet tal-minuri <u>u żżommu fl-aħjar livell ta’ edukazzjoni u għixien</u>, speċjalment *in vista* tal-fatt li l-**

**mezzi ta’ l-intimat jippermettu ferm iktar mill-ammont miseru ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) fix-xahar!**

8. Illi l-partijiet qatt ma kellhom seduta quddiem il-medjatur William Azzopardi, minkejja d-diversi rikorsi li ntavolat ir-rikorrenti sabiex jinżammu dawn is-seduti bil-għan li jintlaħaq ftehim bonarju;

9. Illi l-attriċi ġiet debitament awtorizzata minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet numru _____ (*sic*) sabiex tintavola dawn il-proċeduri;

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex fl-aħjar interess tal-minuri:

1. Tawtorizza li l-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet jiġi ammendat sabiex l-intimat jibda jħallas manteniment ta’ mija u ħamsa u sebgħin Lira Maltin (Lm175) kull xahar minflok mitt Lira Maltin (Lm100) fix-xahar, u dan *stante* li l-minuri qiegħed fil-kura ta’ l-esponenti *full-time* peress illi l-intimat ma jeżerċitax id-dritt ta’ aċċess tiegħu regolarment, kif stipulat f’artiklu 2(f) u f’artiklu 4(b), kif ukoll tordna li l-intimat iħallas nofs l-ispejjeż mediċi ta’ l-istess minuri;

2. Tordna lill-intimat jaderixxi ma’ l-obbliga kontrattwali u jħallas nofs l-ispejjeż ta’ edukazzjoni kif stipulat f’artiklu 3iii tal-kuntratt ta’ separazzjoni, kif ukoll nofs l-ispejjeż għaċ-*child care facilities* tal-minuri;

3. Tordna lill-intimat iħallas arretrati ta’ manteniment rappreżentanti sehmu għall-ispejjeż edukattivi tal-minuri;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fis-6 ta' Diċembru, 2007, li permezz tagħha espona bir-rispett:

1) Illi l-ewwel talba (sabiex il-Qorti tawtorizza l-emenda tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti biex il-manteniment pagabbli lill-attriċi jiġi awmentat) hija insostenibbli għar-raġunijiet segwenti:-

i) Illi l-iffirmar mill-eċċipjent tal-kuntratt ta' amenda ssuġġeriet mill-attriċi fil-kawża minnha ppreżentata, huwa att purament volontarju u fakoltattiv għall-istess eċċipjent illi għalhekk ma jistax jiġi ordnat jersaq għal tali emenda.

ii) Illi l-eċċipjent ma jixtieqx jemenda l-kuntratt ta' separazzjoni u l-awtorizzazzjoni mitluba mill-attriċi ma hijiex qegħda għalhekk tiġi mitluba minnu.

iii) Illi n-natura legali ta' l-istess talba ma hijiex ċara jew intelliġibbli billi anke jekk, għall-grazzja ta' l-argument, din it-talba tiġi milqugħa, l-eventwali awtorizzazzjoni tal-Qorti ma titqiesx bħala obbligu fuq l-eċċipjent illi jagħmel dak illi ġie awtorizzat jagħmel, iżda biss bħala fakolta' illi jagħmlu. Dan iwassal biex l-eċċipjent jikkontesta l-utilita' ta' din it-talba u l-eżistenza ta' l-interess ġuridiku ta' l-attriċi fl-istess talba.

iv) Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti jipprovdi għar-riviżjoni annwali tal-manteniment skond l-għoli tal-ħajja iżda **jeskludi r-reviżjoni għal kull raġuni oħra**. It-tentattiv ta' l-attriċi li tikseb ir-reviżjoni tal-manteniment għar-raġuni allegata minnha mhux talli ma hijiex maħsuba, iżda hija eskluża. Fil-materja ta' kuntratti japplika l-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* u l-prinċipju anċilljarju tiegħu ta' l-indiviżibbilta' ta' kuntratti.

v) Illi l-eċċipjenti jikkontesta bħala skorretta u inveritjera l-allegazzjoni ta' l-attriċi (illi tidher illi qegħda timmotiva din it-talba) illi huwa ma jeżerċitax l-aċċess akkordat lilu fil-kuntratt ta' separazzjoni u

jikkontesta wkoll l-allegazzjoni li xi nuqqas tiegħu f'dan ir-rigward seta' kien il-motiv veru tal-talba attriċi odjerna. F'kull każ, l-eċċipjent jirrivela li l-aċċess akkordat lilu huwa fakoltattiv u mhux obbligatorju. Fil-fatt l-aċċess huwa definit fil-kuntratt bħala "*free access... which shall include etc.*"

vi) Illi t-talba li l-eċċipjent jiġi ordnat illi jħallas għal nofs l-ispejjeż mediċi hija wkoll opposta għar-raġunijiet imsemmija f'din l-eċċezzjoni.

2) Illi t-tieni talba u t-tielet talba huma opposti għar-raġunijiet segwenti:-

i) Illi dawn it-talbiet m'humiex legalment intelliġibbli. L-attriċi tippossjedi *gia'* titolu eżekuttiv għall-ħlas lilha ossija r-rimborz ta' l-ispejjeż edukattivi billi din l-istipulazzjoni ġiet stabbilita fil-kuntratt ta' separazzjoni. L-ordnijiet mitluba huma għalhekk legalment superfluwa u insostenibbli.

ii) Illi anke jekk jiġi deċiż it-titolu ta' l-attriċi għall-ħlas ta' dak minnha pretiż ma huwiex wieħed eżekuttiv, huwa reverentement eċċepit illi dina l-Onorabbli ma għandhiex il-kompetenza tiegħu konjizzjoni tat-talbiet.

iii) L-eċċipjent pero' jenfasizza li huwa dejjem u regolarment ħallas l-ispejjeż maħsuba fil-kuntratt ta' separazzjoni.

3) Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi trattaw l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob li din il-Qorti tordna żieda fil-manteniment pagabbli għal binthom minuri pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom. Il-konvenut f'kelma waħda qiegħed jeċċepixxi li din it-talba ma tistax issir billi għandu japplika l-prinċipju *pacta sunt servanda*.

Il-partijiet iżżewġu fl-1996 u sseparaw permezz tal-kuntratt imsemmi. Ġie hemmhekk stabbilit illi fit-tielet artiklu:

*The husband undertakes and obliges himself to pay unto his wife by way of maintenance for the needs of the parties' said minor child the total monthly sum of hundred Maltese Liri (Lm100). The maintenance set out in this article is payable in advance from the 1st April, 2003. The parties agree that the said obligation shall be regulated by the following terms and conditions:*

*i. The maintenance set out in this deed shall be revised and adjusted annually in accordance with the cost of living index published and maintained by the Government of Malta. The said revision shall occur upon each anniversary of this deed, automatically and without the necessity of filing any judicial procedures or other formality.*

*ii. The maintenance set out in this article shall not be subject to revision or reduction save as is stated in this article.*

*iii. Apart from and in addition to the maintenance set out in this deed the husband shall pay and or as the case may be reimburse the wife half the amounts payable or paid by her upon production of the relative bill, invoice or receipt in connection with the child's education including tuition fees, private lessons, summer school, school transport, books, stationery and adequate sets of school uniforms.*

*iv. The maintenance payable for the minor child shall remain so payable until that child attains majority, has married or established a separate residence,*

*whichever date be the earliest. The maintenance payable for the said minor child shall be suspended during such period as the said minor child possesses full-time employment.*

Stabbilit dan allura wieħed irid jara x'inhi l-pożizzjoni legali għaliex il-ġurisprudenza (mhux tant voluminuża) tirrigwarda każi fejn kien ir-raġel ossija l-persuna li tkun tenuta tħallas il-manteniment li titlob tnaqqis jew twaqqif ta' l-obbligu tal-ħlas minħabba tibdil fiċ-ċirkostanzi. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet Francis Bugelli vs Josephine Borg *gia'* Bugelli deċiża fis-26 ta' Marzu, 1996 wieħed isib rassenja tal-ġurisprudenza fir-rigward. Fost oħrajn hemm referenzi għall-kawża deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Frar, 1992 fl-ismijiet Carmelo Farrugia vs Josephine Farrugia, kif ukoll is-sentenzi riportati fil-Vol. XXXVI-ii-470 u XXIX-ii-600 u s-sentenzi fl-ismijiet Blackman vs Blackman (Prim'Awla – 24 ta' Marzu, 1954) u Gauci vs Gauci (27 ta' Ġunju, 1952).

F'dan il-każ l-attriċi qegħda tibbaża t-talba tagħha fuq il-fatt illi l-manteniment li qed jitħallas mhux qed iserviha biex tmantni adegwatament lill-minuri u ssemmi ħafna spejjeż ta' edukazzjoni u tilmenta mill-fatt illi l-konvenut mhux qiegħed jieħu lit-tifel meta suppost jieħdu miegħu, u allura dan qiegħed iżidilha fl-ispejjeż. Madankollu fil-każ in eżami l-Qorti ma tħossx li tista' ċċaqlaq lill-partijiet mill-pożizzjoni li fuq kollox kienu ftehmu huma stess fil-kuntratt imsemmi. Jekk wieħed jieħu l-każijiet imsemmija, fejn ir-raġel jitlob li jitnaqqas il-manteniment il-Qorti ma tilqax din it-talba ħlief jekk ma jkunx japplika l-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*. Fil-każ in eżami, il-prinċipju *pacta sunt servanda* għandu japplika speċjalment meta l-partijiet mhux biss iddikjaraw li l-manteniment *shall not be subject to revision or reduction save as stated in this article* iżda wkoll ftehmu kif dan il-manteniment kellu jiġi rivedut skond l-indiċi uffiċjali ta' l-inflazzjoni. Kif dejjem irritenew il-Qrati tagħna ***in materia***, *il-prinċipju kardinali li jirregola l-kuntratti jibqa' dejjem li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi*

*osservata – pacta sunt servanda* (Qorti ta’ l-Appell – 5 ta’ Ottubru, 1998 – Gloria Beacom vs Anthony Spiteri Staines). Dwar il-kwistjoni ta’ l-aċċess mhux eserċitat l-attriċi jista’ jkollha rimedji oħra li pero’ ma jirrigwardawx dak illi hija aċċettat dwar il-manteniment fil-kuntratt ta’ separazzjoni.

L-attriċi qegħda titlob ukoll ħlasijiet ta’ spejjeż edukattivi u naturalment l-eċċezzjonijiet in kwistjoni ma jirrigwardawx din it-talba li dwarha l-Qorti trid tipprovdi ulterjorment.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda tilqa’ l-ewwel erba’ sub-inċiżi ta’ l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, u tiċħad l-ewwel talba attriċi. L-ispejjeż ta’ din l-istanza jkunu a kariku ta’ l-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------